Parlament Ewropew
2019-2024

Kumitat għall-Affarijiet Legali

2023/2062(INI)

10.10.2023

ABBOZZ TA' RAPPORT

dwar l-implikazzjonijiet politiċi tal-iżvilupp ta' dinjiet virtwali – kwistjonijiet ta' dritt ċivili, soċjetarju, kummerċjali u tal-proprjetà intellettwali
(2023/2062(INI))

Kumitat għall-Affarijiet Legali

Rapporteurs: Axel Voss, Ibán García Del Blanco

PR_INI

WERREJ

Paġna

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW 3

NOTA SPJEGATTIVA 11

MOZZJONI GĦAL RIŻOLUZZJONI TAL-PARLAMENT EWROPEW

dwar l-implikazzjonijiet politiċi tal-iżvilupp ta' dinjiet virtwali – kwistjonijiet ta' dritt ċivili, soċjetarju, kummerċjali u tal-proprjetà intellettwali
(2023/2062(INI))

Il-Parlament Ewropew,

– wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikoli 4, 16, 26, 81, 114 u 118 tiegħu,

– wara li kkunsidra l-Konvenzjoni ta' Berna tal-1886 għall-Protezzjoni ta' Xogħlijiet Letterarji u Artisitiċi,

– wara li kkunsidra l-Ftehim ta' Nizza dwar il-Klassifikazzjoni Internazzjonali tal-Prodotti u s-Servizzi għall-Finijiet tar-Reġistrazzjoni tat-Trademarks, kif emendat fit-28 ta' Settembru 1979 u aġġornat fit-tnax-il edizzjoni tiegħu (12-2023),

– wara li kkunsidra t-Trattat tal-Organizzazzjoni Dinjija tal-Proprjetà Intellettwali (WIPO) dwar id-Dritt tal-Awtur tal-1996 u t-Trattat tad-WIPO dwar l-Interpretazzjonijiet, l-Eżekuzzjonijiet u l-Fonogrammi tal-1996,

– wara li kkunsidra d-Direttiva 96/9/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Marzu 1996 dwar il-protezzjoni legali ta' databases[1],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2005/29/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Mejju 2005 dwar prattiċi kummerċjali żleali fin-negozju mal-konsumatur fis-suq intern li temenda d-Direttiva tal-Kunsill 84/450/KEE, id-Direttivi 97/7/KE, 98/27/KE u 2002/65/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u r-Regolament (KE) Nru 2006/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ("Direttiva dwar Prattiċi Kummerċjali Żleali")[2],

– ir-Regolament (KE) Nru 864/2007 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-11 ta' Lulju 2007 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet mhux kuntrattwali ("Ruma II")[3],

– wara li kkunsidra r-Regolament (KE) Nru 593/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' Ġunju 2008 dwar il-liġi applikabbli għall-obbligazzjonijiet kuntrattwali (Ruma I)[4],

– wara li kkunsidra d-Direttiva 2009/24/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' April 2009 dwar il-protezzjoni legali ta' programmi tal-kompjuter[5],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġuriżdizzjoni u r-rikonoxximent u l-

[1] ĠU L 77, 27.3.1996, p. 20.
[2] ĠU L 149, 11.6.2005, p. 22.
[3] ĠU L 199, 31.7.2007, p. 40.
[4] ĠU L 177, 4.7.2008, p. 6.
[5] ĠU L 111, 5.5.2009, p. 16.

eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (riformulazzjoni)[6] (ir-"riformulazzjoni tar-Regolament Brussell I"),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) Nru 910/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-23 ta' Lulju 2014 dwar l-identifikazzjoni elettronika u s-servizzi fiduċjarji għal tranżazzjonijiet elettroniċi fis-suq intern u li jħassar id-Direttiva 1999/93/KE[7],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/943 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-8 ta' Ġunju 2016 dwar il-protezzjoni ta' konoxxenza u ta' informazzjoni kummerċjali kunfidenzjali (sigrieti kummerċjali) kontra l-ksib, l-użu u l-iżvelar illegali tagħhom[8],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2016/679 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni tal-persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar id-Direttiva 95/46/KE[9],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/680 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-27 ta' April 2016 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-awtoritajiet kompetenti għall-finijiet tal-prevenzjoni, l-investigazzjoni, is-sejbien jew il-prosekuzzjoni ta' reati kriminali jew l-eżekuzzjoni ta' pieni kriminali, u dwar il-moviment liberu ta' tali data[10],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2016/2102 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-26 ta' Ottubru 2016 dwar l-aċċessibbiltà tas-siti elettroniċi u tal-applikazzjonijiet mobbli tal-korpi tas-settur pubbliku[11],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2017/1001 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Ġunju 2017 dwar it-trademark tal-Unjoni Ewropea[12],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1725 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-23 ta' Ottubru 2018 dwar il-protezzjoni ta' persuni fiżiċi fir-rigward tal-ipproċessar ta' data personali mill-istituzzjonijiet, korpi, uffiċċji u aġenziji tal-Unjoni u dwar il-moviment liberu ta' tali data, u li jħassar ir-Regolament (KE) Nru 45/2001 u d-Deċiżjoni Nru 1247/2002/KE[13],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2018/1807 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Novembru 2018 dwar qafas għall-moviment liberu ta' data mhux personali fl-Unjoni Ewropea[14],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/790 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar id-drittijiet tal-awtur u drittijiet relatati fis-Suq Uniku Diġitali u

[6] ĠU L 351, 20.12.2012, p. 1.
[7] ĠU L 257, 28.8.2014, p. 73.
[8] ĠU L 157, 15.6.2016, p. 1.
[9] ĠU L 119, 4.5.2016, p. 1.
[10] ĠU L 119, 4.5.2016, p. 89.
[11] ĠU L 327, 2.12.2016, p. 1.
[12] ĠU L 154, 16.6.2017, p. 1.
[13] ĠU L 295, 21.11.2018, p. 39.
[14] ĠU L 303, 28.11.2018, p. 59.

li temenda d-Direttivi 96/9/KE u 2001/29/KE[15] ("id-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur"),

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/882 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-17 ta' April 2019 dwar ir-rekwiżiti ta' aċċessibilità għall-prodotti u għas-servizzi[16],

– wara li kkunsidra d-Direttiva (UE) 2019/1024 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar id-data miftuħa u l-użu mill-ġdid tal-informazzjoni tas-settur pubbliku[17],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2019/1150 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-20 ta' Ġunju 2019 dwar il-promozzjoni tal-korrettezza u tat-trasparenza għall-utenti kummerċjali tas-servizzi tal-intermedjazzjoni online[18],

– wara li kkunsidra l-proposta għal Regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi regoli armonizzati dwar l-intelliġenza artifiċjali (l-Att dwar l-Intelliġenza Artifiċjali) u li jemenda ċerti atti leġiżlattivi tal-unjoni (COM(2021)0206),

– wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jemenda r-Regolament (UE) Nru 910/2014 fir-rigward tal-istabbiliment ta' qafas għal Identità Diġitali Ewropea (COM(2021)0281),

– wara li kkunsidra l-proposta għal regolament tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli armonizzati dwar l-aċċess ġust għad-data u l-użu tagħha (L-Att dwar id-Data) (COM(2022)0068),

– wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar ir-responsabbiltà għall-prodotti difettużi (COM(2022)0495),

– wara li kkunsidra l-proposta għal direttiva tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar l-adattament tar-regoli dwar ir-responsabbiltà ċivili mhux kuntrattwali għall-intelliġenza artifiċjali (Id-Direttiva dwar ir-Responsabbiltà għall-IA) (COM(2022)0496),

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/868 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-30 ta' Mejju 2022 dwar il-governanza Ewropea tad-data u li jemenda r-Regolament (UE) 2018/1724 (Att dwar il-Governanza tad-Data)[19],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/1925 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-14 ta' Settembru 2022 dwar swieq kontestabbli u ġusti fis-settur diġitali u li jemenda d-Direttivi (UE) 2019/1937 u (UE) 2020/1828 (l-Att dwar is-Swieq Diġitali)[20],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2022/2065 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad-19 ta' Ottubru 2022 dwar Suq Uniku għas-Servizzi Diġitali u li jemenda d-Direttiva

[15] ĠU L 130, 17.5.2019, p. 92.
[16] ĠU L 151, 7.6.2019, p. 70.
[17] ĠU L 172, 26.6.2019, p. 56.
[18] ĠU L 186, 11.7.2019, p. 57.
[19] ĠU L 152, 3.6.2022, p. 1.
[20] ĠU L 265, 12.10.2022, p. 1.

2000/31/KE (l-Att dwar is-Servizzi Diġitali)[21],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/988 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-10 ta' Mejju 2023 dwar is-sikurezza ġenerali tal-prodotti, li jemenda r-Regolament (UE) Nru 1025/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva (UE) 2020/1828 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, u li jħassar id-Direttiva 2001/95/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill u d-Direttiva tal-Kunsill 87/357/KEE[22],

– wara li kkunsidra r-Regolament (UE) 2023/1114 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-31 ta' Mejju 2023 dwar is-swieq tal-kriptoassi, u li jemenda r-Regolamenti (UE) Nru 1093/2010 u (UE) Nru 1095/2010 u d-Direttivi 2013/36/UE u (UE) 2019/1937[23],

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-20 ta' Ottubru 2020 dwar drittijiet tal-proprjetà intellettwali għall-iżvilupp ta' teknoloġiji tal-intelliġenza artifiċjali (A9-0176/2020)[24],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni lill-Parlament Ewropew, lill-Kunsill, lill-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew u lill-Kumitat tar-Reġjuni bit-titolu "Nagħmlu l-aħjar użu mill-potenzjal innovattiv tal-UE – Pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettwali b'appoġġ għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE" (COM (2020) 0760 final),

– wara li kkunsidra r-riżoluzzjoni tiegħu tal-11 ta' Novembru 2021 dwar pjan ta' azzjoni għall-proprjetà intellettwali b'sostenn għall-irkupru u r-reżiljenza tal-UE[25],

– wara li kkunsidra l-komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Lulju 2023 bit-titolu "Inizjattiva tal-UE dwar il-Web 4.0 u d-dinjiet virtwali: vantaġġ inizjali fit-tranżizzjoni teknoloġika li jmiss",

– wara li kkunsidra l-Artikolu 54 tar-Regoli ta' Proċedura tiegħu,

– wara li kkunsidra r-rapport tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali (A9-0000/2023),

A. billi d-dinjiet virtwali għadhom ma ġewx adottati b'mod wiesa', għalkemm il-varar tagħhom f'għadd ta' każijiet ta' użu f'diversi setturi qajjem kuxjenza ġenerali u attira l-attenzjoni tal-awtoritajiet pubbliċi;

B. billi, l-esperti jgħidu li jista' jkun li għad iridu jgħaddu 10 u 15-il sena biex il-metavers jilħaq il-potenzjal sħiħ tiegħu u l-iżvilupp tiegħu huwa mistenni li jkollu impatt sinifikanti fuq ix-xenarju diġitali fis-snin li ġejjin, filwaqt li jġib kemm opportunitajiet kif ukoll riskji li jeħtieġ li jiġu indirizzati;

Definizzjonijiet

1. Jinnota li l-kunċetti ta' "metavers" u "dinja virtwali" bħalissa ma għandhomx

[21] ĠU L 277, 27.10.2022, p. 1.
[22] ĠU L 135, 23.5.2023, p. 1.
[23] ĠU L 150, 9.6.2023, p. 40.
[24] ĠU C 404, 6.10.2021, p. 129.
[25] ĠU C 205, 20.5.2022, p. 26.

definizzjonijiet konsolidati;

2. Jilqa', f'dan ir-rigward, il-proposta inkluża fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni għal definizzjoni li tiffoka fuq il-karatteristiċi ewlenin tad-dinjiet virtwali, kif ġej: "id-dinjiet virtwali huma ambjenti persistenti u immersivi, ibbażati fuq teknoloġiji bħat-3D u r-realtà estiża (XR), li permezz tagħhom id-dinjiet fiżiċi u diġitali jitwaħħdu fil-ħin reali, għal bosta skopijiet bħad-disinjar, il-ħolqien ta' simulazzjonijiet, kollaborazzjoni, tagħlim, soċjalizzazzjoni, twettiq tat-tranżazzjonijiet jew servizzi tad-divertiment.";

3. Jisħaq fuq l-importanza ewlenija li jiġu promossi l-istandardizzazzjoni u l-interoperabbiltà għall-iżvilupp sħiħ tal-metavers, bħala ekosistema ta' dinjiet virtwali interkonnessi;

Qafas etiku u legali xieraq

4. Jisħaq li d-dinjiet virtwali aċċessibbli fl-UE għandhom ikunu ggwidati minn valuri etiċi, prinċipji u drittijiet fundamentali minquxa fil-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea[26] u fil-leġiżlazzjoni eżistenti tal-UE;

5. Ifakkar li d-dinjiet virtwali għandhom jiġu żviluppati u varati f'konformità mal-prinċipju ġenerali li dak li huwa illegali offline għandu jkun illegali online, filwaqt li jiġi żgurat li jiġu rispettati bis-sħiħ id-drittijiet tan-nies bħala utenti, konsumaturi, ħaddiema, investituri u kreaturi;

6. Jenfasizza l-importanza li tiġi ssorveljata l-konformità u li jiġi żgurat infurzar effettiv tal-istrumenti legali applikabbli fis-seħħ; jistieden lill-Kummissjoni tiżviluppa linji gwida u l-aħjar prattiki, f'kooperazzjoni mad-diversi partijiet ikkonċernati, li jiċċaraw l-obbligi u r-responsabbiltajiet legali tagħhom fil-metavers;

7. Jissottolinja li huwa ta' importanza kbira li l-Kummissjoni twettaq kontrolli regolari tal-idoneità tal-istrumenti legali applikabbli fis-seħħ u jisħaq li kwalunkwe leġiżlazzjoni futura dwar il-metavers għandha tevita duplikazzjonijiet jew inkonsistenzi, filwaqt li timla l-lakuni fejn meħtieġ;

8. Jinnota li xi kwistjonijiet regolatorji huma madankollu diġà evidenti fl-oqsma tad-dritt internazzjonali privat, id-dritt ċivili u l-liġi tal-proprjetà intellettwali, kif speċifikat fit-taqsimiet ta' hawn taħt;

9. Jenfasizza li r-riċerka reċenti wriet li d-data tas-sensuri tal-VR hija identifikabbli b'mod uniku bħal sken tal-marki tas-swaba' u tista' tintuża biex tiġi dedotta varjetà ta' attributi bħall-età, il-ġeneru, l-introjtu, l-etniċità, u l-istatus ta' diżabilità; jemmen li dan iqajjem tħassib etiku sinifikanti li ma għandux jiġi injorat; jisħaq li parti mill-indirizzar ta' dan it-tħassib etiku dwar il-ġbir ta' ammonti kbar ta' data personali, inkluża data bijometrika, hija li jiġi ggarantit li l-kunsens għall-ġbir ta' tali data ma jinkisibx biss fil-mument tad-dħul fid-dinja virtwali, iżda għal kull każ ta' użu f'konformità mal-prinċipju tal-limitazzjoni tal-iskop stabbilit mill-GDPR;

10. Jinnota, f'dan ir-rigward, li l-azzjonijiet imressqa mill-Kummissjoni fil-komunikazzjoni

[26] ĠU C 303, 14.12.2007, p. 1.

tagħha li għandhom l-għan li jżidu l-għarfien, itejbu l-ħiliet diġitali u jżidu l-aċċess tal-utenti għal teknoloġiji ewlenin huma kruċjali;

Dritt internazzjonali privat

11. Jisħaq li ċerti prinċipji territorjali tradizzjonali dwar il-liġi u l-ġuriżdizzjoni applikabbli jistgħu jirriżultaw bħala inadegwati għad-dinjiet virtwali, li n-nuqqas ta' territorjalità tagħhom hija permessa bl-użu ta' teknoloġiji deċentralizzati bħall-blockchain, u joħolqu problemi meta wieħed jiġi biex jiżgura l-applikabbiltà tad-dritt tal-UE u l-protezzjoni tad-drittijiet tal-konsumaturi u n-negozji;

12. Jinnota b'mod aktar speċifiku li, peress li kull persuna fid-dinja tista' taċċessa d-dinjiet virtwali, il-"kriterju tal-mosajk" stabbilit mill-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, li permezz tiegħu, il-parti li tkun ġarrbet il-ħsara tista' titlob kumpens fil-qrati tal-pajjiżi fejn tkun seħħet mill-inqas parti mill-ħsara, jista' ma jkunx validu; ifakkar, madankollu, li l-Qorti stabbiliet kriterju addizzjonali li permezz tiegħu, il-partijiet li jkunu ġarrbu l-ħsara jistgħu jitolbu kumpens permezz tal-qrati tal-pajjiż li fih għandhom l-interess ewlieni tagħhom u jafferma li tista' tiġi kkunsidrata l-kodifikazzjoni ta' dan il-kriterju fir-Regolament Brussell I;

13. Josserva li d-definizzjoni ta' "konsumatur" fir-Regolament Brussell I bħalissa hija bbażata fuq relazzjoni kuntrattwali diretta, li hija nieqsa pereżempju bejn l-emittent ta' token mhux funġibbli (NFT) u x-xerrej meta l-NFT jitqiegħed f'suq sekondarju; jinnota li, konsegwentement, f'każ ta' tilwima mal-emittent, ix-xerrej finali jkun imċaħħad mit-trattament ġuriżdizzjonali li r-Regolament Brussell I jagħti lill-konsumaturi;

14. Jistieden lill-Kummissjoni tqis dawn is-sitwazzjonijiet u sitwazzjonijiet potenzjalment problematiċi oħra u tivvaluta l-adegwatezza tad-dispożizzjonijiet eżistenti tad-dritt internazzjonali privat fl-UE, filwaqt li tipproponi emendi, meta meħtieġ, biex tiggarantixxi li ċ-ċittadini u n-negozji ma jkollhomx għalfejn iressqu litigazzjoni sistematika fi qrati barranin jew skont liġijiet barranin;

Id-dritt ċivili

15. Jinnota li l-għadd u r-rilevanza ekonomika tat-tranżazzjonijiet kummerċjali fil-metavers huma mistennija li jiżdiedu matul l-għaxar snin li ġejjin; jisħaq fuq il-ħtieġa, f'dan il-kuntest, li jiġi żgurat li l-forniturі ta' oġġetti u servizzi virtwali jkunu jistgħu jiġu identifikati u jinżammu responsabbli għal kwalunkwe ħsara kkawżata mill-prodotti tagħhom;

16. Jirrimarka t-tħassib imqajjem mit-tekniki ta' reklamar użati fil-bejgħ tal-hekk imsejħa proprjetà immobbli virtwali, peress li l-utenti jistgħu jingħataw x'jifhmu li fil-fatt qed jakkwistaw drittijiet ta' proprjetà, meta, fil-prattika, jiksbu biss liċenzja biex jużaw l-"art" virtwali; jenfasizza l-importanza li jiġi żgurat li t-termini u l-kundizzjonijiet applikabbli jkunu trasparenti u ġusti;

17. Ifakkar li r-regoli dwar ir-responsabbiltà għandhom japplikaw bis-sħiħ għad-dinjiet virtwali u jissottolinja l-importanza li jiġu stabbiliti miżuri effettivi biex tiġi pprevenuta u indirizzata kwalunkwe forma ta' mġiba dannuża fil-metavers;

18. Jinsab imħasseb dwar il-fatt li l-użu ta' avatars u sistemi deċentralizzati, bħal dawk mibnija fuq it-teknoloġija blockchain, jista' jagħmilha diffiċli ħafna li l-awturi ta' dannu jinżammu responsabbli; iqis li l-implimentazzjoni ta' sistemi effettivi ta' ġestjoni tal-identità hija kruċjali sabiex tippermetti l-identifikazzjoni xierqa tagħhom u biex jiġu miġġielda l-identitajiet foloz, filwaqt li jitqiesu wkoll l-ispeċifiċitajiet marbuta mal-governanza tal-organizzazzjonijiet awtonomi deċentralizzati u mar-responsabbiltà kollettiva;

19. Ifakkar li l-avatars ma għandhomx personalità ġuridika u għalhekk kwalunkwe kwistjoni rigward il-kapaċità ġuridika, id-drittijiet, l-obbligi u r-responsabbiltajiet tagħhom jeħtieġ li tiġi indirizzata b'referenza għall-persuni fiżiċi jew ġuridiċi li jużawhom; iqis li, hekk kif il-metavers jevolvi u jsir aktar kumpless, għandha tingħata kunsiderazzjoni lill-adegwatezza tal-għoti ta' status legali speċifiku lill-avatars;

Dritt tal-proprjetà intellettwali

20. Jissottolinja li l-korp tad-dritt tal-UE dwar il-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u industrijali japplika bis-sħiħ għad-dinjiet virtwali; jisħaq madankollu li l-iżvilupp ta' dinjiet virtwali joħloq sfidi ġodda f'termini ta' infurzar u identifikazzjoni tal-kontraventuri;

21. Ifakkar li l-utenti fil-metavers għandhom l-obbligu li jirrispettaw il-prerogattivi esklużivi tad-detenturi tad-drittijiet u d-dritt tagħhom għal remunerazzjoni ġusta; jenfasizza li l-użu ta' kontenut protett mid-drittijiet tal-proprjetà intellettwali (DPI) jirrikjedi awtorizzazzjoni permezz ta' liċenzjar jew assenjar, sakemm ma jkunx kopert minn xi eċċezzjoni jew limitazzjoni għall-protezzjoni tad-DPI; itenni, f'dan ir-rigward, l-importanza li tiġi żgurata t-trasparenza fir-rigward tal-ambitu tal-liċenzji sabiex jiġi żgurat li l-utenti jkunu jistgħu jiddeterminaw liema użi tal-kontenut protett mid-DPI fil-metavers huma koperti mil-liċenzji li jkollhom;

22. Jilqa' l-aġġornament li ġabet magħha t-tnax-il edizzjoni tal-"klassifikazzjoni ta' Nizza", li tippermetti r-reġistrazzjoni ta' trademarks fi klassijiet li jkopru l-użu tagħhom fil-metavers; jinsab imħasseb, madankollu, dwar l-użu tal-NFTs li jirreferu għal trademarks mingħajr l-awtorizzazzjoni tas-sidien tagħhom u jitlob li jiġu implimentati miżuri effettivi biex jiġu identifikati u indirizzati dawn il-każijiet u każijiet oħra ta' ksur; jilqa', f'dan ir-rigward, il-proposta tal-Kummissjoni biex jiġi żviluppat sett ta' għodod għall-ġlieda kontra l-falsifikazzjoni;

23. Jirrikonoxxi l-applikabbiltà tar-regoli dwar ir-responsabbiltà kif stabbiliti fl-Att dwar is-Servizzi Diġitali u tar-reġim speċjali stabbilit fl-Artikolu 17 tad-Direttiva dwar id-Drittijiet tal-Awtur biex jiġi kopert it-tlugħ online ta' kontenut iġġenerat mill-utent; jemmen, madankollu, li hija meħtieġa kjarifika ulterjuri dwar kif għandhom japplikaw ir-regoli eżistenti;

24. Jisħaq li l-NFTs ma jagħtu l-ebda DPI bħala tali fuq l-assi diġitali u jindika l-ħtieġa ta' aktar trasparenza sabiex jiġu evitati l-frodi u l-konfużjoni frekwenti bejn id-dritt għat-token innifsu u d-dritt għall-kontenut protett sottostanti;

25. Ifakkar id-differenza bejn kreazzjonijiet umani assistiti bl-IA u kreazzjonijiet iġġenerati bl-IA; ifakkar li, filwaqt li l-qafas attwali tal-proprjetà intellettwali jibqa' applikabbli

għall-kreazzjonijiet assistiti bl-IA, il-kreazzjonijiet iġġenerati bl-IA joħolqu sfidi regolatorji ġodda għall-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali;

Aċċessibbiltà u litteriżmu diġitali

26. Jenfasizza li d-dinjiet virtwali se jipprovdu opportunitajiet għall-forniment ta' servizzi pubbliċi ta' interess ġenerali, għall-benefiċċju usa' taċ-ċittadini; jissottolinja, madankollu, li l-inklużjoni u l-aċċessibbiltà għall-utenti kollha fl-UE jridu jiġu żgurati kemm f'termini ta' kost u użu tal-hardware kif ukoll il-fehim tas-software; jinnota li l-aċċessibbiltà hija partikolarment importanti fir-rigward ta' gruppi vulnerabbli tal-popolazzjoni u għandha tqis aspetti bħall-pożizzjoni ġeografika, il-ġeneru, il-livell edukattiv milħuq u l-isfond soċjoekonomiku;

27. Iżid jgħid, f'dan il-kuntest, li l-litteriżmu diġitali huwa tal-akbar importanza biex jiġi żgurat użu sikur u ta' benefiċċju soċjali u użu infurmat tad-dinjiet virtwali u biex jiġi promoss il-kontroll demokratiku;

28. Jirrakkomanda li s-"sett ta' għodod għad-dinjiet virtwali" maħsub għall-pubbliku ġenerali, kif deskritt fil-komunikazzjoni tal-Kummissjoni, jiġi żviluppat aktar, f'konformità mar-rakkomandazzjonijiet tal-Panel taċ-Ċittadini sabiex jgħin liċ-ċittadini jifhmu aħjar kif jimmaniġġjaw l-identitajiet virtwali tagħhom, il-kreazzjonijiet virtwali tagħhom, l-assi virtwali tagħhom u d-data tagħhom, u biex jikkontribwixxu għal strateġija komprensiva tal-UE għad-dinjiet virtwali li tkun kemm sostenibbli kif ukoll iċċentrata fuq il-bniedem;

°

° °

29. Jagħti istruzzjonijiet lill-President tiegħu biex tgħaddi din ir-riżoluzzjoni lill-Kunsill u lill-Kummissjoni.

NOTA SPJEGATTIVA

B'dan l-abbozz ta' rapport, iż-żewġ Rapporteurs jirrikonoxxu l-importanza ekonomika, soċjali u saħansitra politika dejjem tikber tad-dinjiet virtwali.

Minħabba l-istadju bikri tal-iżvilupp tagħhom, fid-dawl tal-eżitu tal-ħidma tal-Panel taċ-Ċittadini dwar id-Dinjiet Virtwali, u filwaqt li titqies il-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni tal-11 ta' Lulju 2023 bit-titolu "Inizjattiva tal-UE dwar il-Web 4.0 u d-dinjiet virtwali: vantaġġ inizjali fit-tranżizzjoni teknoloġika li jmiss", ir-Rapporteurs, b'dan ir-rapport, għandhom l-għan li jiddeskrivu l-kwistjonijiet legali ewlenin maħluqa mid-dinjiet virtwali.

Dan l-isforz huwa maħsub kemm biex jindika lill-Kummissjoni l-ħtieġa li teżamina kwistjonijiet legali possibbli li mhumiex indirizzati fil-Komunikazzjoni tagħha, kif ukoll biex iservi bħala bażi għal ħidma futura għall-Parlament fil-leġiżlatura li jmiss.

Wara li laqgħu d-definizzjoni ta' "dinjiet virtwali" indikata mill-Kummissjoni fil-Komunikazzjoni tagħha msemmija hawn fuq, ir-Rapporteurs jinvokaw il-ħtieġa ta' qafas etiku u legali għal din it-teknoloġija ġdida u janalizzaw l-aktar aspetti problematiċi li jaqgħu taħt il-kompetenza tal-Kumitat għall-Affarijiet Legali, jiġifieri fl-oqsma tad-dritt internazzjonali privat, id-dritt ċivili u l-liġi tal-proprjetà intellettwali.

Dawn il-kwistjonijiet, għalkemm mifruxa f'oqsma legali differenti, jippreżentaw karatteristiċi komuni: it-teknoloġiji li jirfdu d-dinjiet virtwali, u b'mod partikolari n-natura deċentralizzata tal-blockchain u tat-tokens mhux funġibbli (NFTs), huma inkonsistenti ma' xi wħud mill-kunċetti u l-prinċipji tradizzjonalment fil-qalba tal-*acquis* legali tal-Unjoni, bħat-territorjalità tad-dispożizzjonijiet dwar il-liġi u l-ġuriżdizzjoni applikabbli, jew ifixklu serjament l-infurzar tad-dritt tal-Unjoni, kif inhu l-każ tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-proprjetà intellettwali u l-identifikazzjoni tal-kontraventuri jew tal-awturi ta' dannu.

Barra minn hekk, ir-Rapporteurs jesprimu tħassib dwar in-nuqqas ta' trasparenza li tikkaratterizza l-kummerċjalizzazzjoni tal-NFTs u jinnotaw li, pereżempju, l-espressjoni "proprjetà immobbli virtwali", li xi drabi tintuża f'dan il-kuntest, tista' tagħti x'tifhem b'mod żbaljat lill-konsumaturi li bil-ftehim ta' liċenzja li jkunu qed jikkonkludu jkunu qed jakkwistaw dritt ta' proprjetà reali.

Sabiex jiġi żgurat użu sikur u soċjalment ta' benefiċċju, inklużiv u bi prezz raġonevoli u użu infurmat tad-dinjiet virtwali u biex jiġi promoss il-kontroll demokratiku, il-leġiżlazzjoni waħedha mhijiex biżżejjed. Għalhekk, ir-Rapporteurs jikkonkludu r-riflessjonijiet tagħhom billi jfakkru fl-importanza li l-aċċessibbiltà, is-servizzi pubbliċi u l-litteriżmu diġitali għandhom għal tranżizzjoni diġitali ċċentrata fuq il-bniedem, li fiha kull ċittadin jista' jibbenefika minn aċċess għal din it-teknoloġija l-ġdida, ħadd ma jitħalla jibqa' lura u jiġu rispettati l-valuri, il-prinċipji u d-drittijiet fundamentali ta' din l-Unjoni.